MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2007

Numru. 685/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Noe Catania ta’**

**Vs**

**Noe Catania ta’ 34 sena, iben Joe u Guza nee` Farrugia, iwieled Pieta nhar it-22 ta’ Settembru, 1972, u residenti f’numru 7, Sqaq Numru 3, Triq il-Parrocca, Mqabba, detentur tal-karta ta’ l-identia 417772(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noe Catania u cioe’:

1. Talli nhar it-13 ta' Awissu, 2007 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'Malta assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u cioe` bil-ghan li flimkien ma persuni ohra jikkommetti reat ta' serq aggravat (hold-up) fuq van tal-flus fejn liema delitt kien ser ikun akkumpanjat bid-delitt ta' sekwestru ta' persuni u uzu ta' armi tan-nar;

2. U aktar talli nhar l-14 ta' Awissu 2007 u fiz-zminijiet ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jeww akkwestat b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Akkuzat ukoll talli nhar it-23 ta' Frar 2007 ghal hbata ta' 10.30 ta' filghaxija f'Ghajn Rihana limit ital-Mosta, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni DAS057, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Sean Vella mill-Qawra;

4. Talli nhar l-14 ta' Awissu 2007 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra min nxi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar u munizzzjon elenkati fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta'Malta minghajr ma kellu licenzja taht l-imsemmi Att Dwar l-Armi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 5 (1) ta' l-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data u zminijiet immedjatament fuq imsemmija, kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, jew zamm ghandu munizzjoni li jirrilaxxa sustanzi

letali jew irritant bhal gass tad-dmugh kif elenkat fl-iskeda numru 1 ta' l-Att Dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Settembru, 2007, u l-kunsens mghoti mill-imputat fis-seduta tal-lum biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikunsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni tieghu, ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar il-piena, il-Qorti ghalkemm tqis illi n-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat huwa ta' natura serja, madanakollu thoss illi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu, u l-koperazzjoni shiha tieghu mal-pulizija fl-investigazzjoni ta' dana l-kaz tant illi dan ser iwassal sabiex jitressqu quddiem il-Qrati l-imhuh wara l-kommissjoni ta' dawn ir-reati (ara xhieda Spettur Jeffrey Cilia fol. 14-15 tal-process);

Ghadaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 41, 279, 280, 262(1)(a)(b), 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 5(1), 51(1)(b) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Noe Catania hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghuu tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mill-lum,

kif ukoll tikkundannah ghall-multa ta' mitt Lira Maltin (Lm100).

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------